MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 557/1998/1

**E. Calleja & Sons Limited**

**vs**

**Suncrest Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Marzu,1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm653.72c) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikoli 2148 (b) u 2156 (f) tal-Kodici Civili.

2. Illi s-socjeta’ konvenuta mhijiex debitrici tas-socjeta’ attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta qieghda tqajjem ostakolu ghall-azzjoni attrici fil-kuntest ta’ l-artikoli 2148 (b) u 2156 (f) tal-Kodici Civili. Dawn iz-zewg artikoli jippreskrivu terminu ta’ tmintax-il xahar u hames snin rispettivament ghall-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut.

Irrizulta mill-provi illi bejn is-socjetajiet kien hemm kont miftuh. Is-socjeta’ attrici kienet tforni *electrical goods* u merkanzija ohra u s-socjeta’ konvenuta thallas dejjem akkont. L-ahhar pagament sar fil-31 ta’ Dicembru 1996. Dana huwa accettat miz-zewg partijiet. L-ewwel att gudizzjarju li interrompa l-perjodu preskrittiv huwa proprju din il-kawza illi gietipprezentata fit-23 ta’ Marzu, 1998. Bejn dawn iz-zewg dati ghaddew hmistax-il xahar u ghalhekk entro t-terminu stabbilit bl-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, ghalhekk il-kawza attrici hija ntavolata fiz-zmien u s-socjeta’ konvenuta ma tistax tqajjem ostakolu ta’ preskrizzjoni. Mill-bqija, l-Qorti taghmel referenza ghas-sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici dwar dan il-kap fin-nota taghha, liema sottomissjonijiet huma korretti u jimmeritaw konferma. Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta’ konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, kif gia nghad irrizulta li bejn il-partijiet kien hemm kont miftuh u l-ahhar pagament sar fil-31 ta’ Dicembru 1996. Frank Busuttil a fol 13 ighid illi mar ikellem lil Mario Cardona ghan-nom tas-socjeta’

konvenuta dwar l-ammont bilancjali li kien ghadu dovut lis-socjeta’ attrici. Jidher illi ma kellhux success ghaliex fis-6 ta’ Jannar 1998 Cardona qal lil Busuttil li ma kienx hemm fondi *available*.

Is-socjeta’ attrici tibbaza l-kaz taghha fuq id-dokument a fol 27 u 28 li huwa prospett dettaljat li juri l-istorja tat-transazzjonijiet kollha li saru bejn iz-zewg socjetajiet. Kien hemm kwistjoni bejniethom dwar *credit note* b’cifra vicin hafna dik mitluba mis-socjeta’ attrici. Dina inzertat mera kumbinazzjoni li hija kwazi l-istess cifra pero’, hija *accounted for* kif jidher mid-dokument a fol 27 u 28. Ma hemmx dubbju li s-socjeta’ attrici ghamlet il-kontijiet taghha sew. Il-*credit note* giet akkreditata u jidher bilanc dovut favur is-socjeta’ attrici.

Nathalie Padovani a fol 40 filwaqt li ppruvat tiggustifika l-kaz tas-socjeta’ konvenuta, ma setghetx ma tinnegax illi *“….bhala statement u ghal figuri li hemm imnizzla ma hemmx zball.”* Qed tirreferi hawnhekk ghall-istatement a fol 27 u 28. L-istess Padovani ppruvat titfa dell fuq *statement* iehor li pprezentat is-socjeta’ attrici a fol 53 fejn din il-*credit note* ma tidhirx. Wiehed ma jridx jinsa li dak l-istatement huwa biss estratt u mhuwiex l-ezercizzju shih, bhalma huma a fol 27 u 28. Huma dawn l-ahhar zewg dokumenti li huma l-qofol tal-kawza tas-socjeta’ attrici. Fuq dawn ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni partikolari. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-Ligi u ghalhekk timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallasha s-somma ta’ sitt mija u tlieta u hamsin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm653.72c) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------